Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 476/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Godwin Scerri**

**vs**

**Pierre Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Pierre Darmanin detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 254077M talli: 1) nhar il-21 ta' Awwissu, 2013, fil-hinijiet ta' wara nofsinhar minn fuq il-Moll f'Xatt il-Braken fil-Marsa, ikkommetta serq ta' ilma kkwalifikat bil-mezz, u dan ghad-detriment tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-artikolu 261(b) 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u 2) fl-istess data, hin u cirkostanzi, bghabas jew ghamel hsara fil-komunikazzjoni tal-ilma tal-main u dan ghad-detriment tal-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-ilma bi ksur ta' Avviz Legali 331 tal-2008 regolament numru 10 (39).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-17 ta' Novembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b), 263(a), 264(1)(2) u 278(1)(4) tal-Kodici Kriminali kif ukoll ir-Regolamenti 10 u 39 tal-Avviz Legali 331 tal-2008 nonche l-Government Notice 133 tal-1948 filwaqt li sabet lill-imputat Pierre Darmanin mhux hati tat-tieni mputazzjoni u minnha lliberatu minn kull hitja u piena, sabithu hati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat il-fedina penali netta u c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fosthom li l-valur tal-ilma misruq jammonta ghal euro u tmienja u hamsin centezmu (€1.58) qieset li jezistu l-elementi rikjesti mill-Ligi taht l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti qeghda taghmel ordni li biha tillibera lill-hati bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn mid-data ta' llum.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Pierre Darmanin, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Novembru, 2014, fejn talab lill-din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn gie lliberat u thassarha u tirrevokha in kwantu l-ewwel akkuza u tilliberah minnha u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi minkejja li l-Ewwel Qorti kienet guridikament korretta fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-prova

cirkostanzjali, l-fatti kienu tali li jlissnu dubju li kellu jmur favur l-appellant kif ukoll li l-grad tal-prova tad-difiza ukoll kellu jwassal ghall-liberazzjoni tieghu;

Il-fatti mertu tal-kaz huma semplicement illi l-pulizija kienu skoprew vann pparkjat magenb latrina pubblika mhux aktar funzjonanti f'liema vann kien hemm kontenitur tal-ilma b'kapacita' ta' elf litru. Dan il-kontenitur kien qed jimtela' bl-ilma provenjenti minn pipe flessibbli li kien imwahhal ma' kanna tal-ilma minn mal-hajt tal-latrina, liema kanna kienet manipulata b'mod illi min irid jista' facilment jiehu l-ilma minnha. Issa, ezaminati l-atti processwali, jemergi illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament akkurat hafna tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni b'mod partikolari ta' dawk il-provi cirkostanzjali li lkoll kienu jippuntaw fid-direzzjoni tal-appellant bhala l-persuna responsabbli minn dan it-tehid. L-Ewwel Qorti korrettament ikkonkludiet illi ma kien hemm xejn x'jista' jorbot lill-appellant mal-modifika jew manipulazzjoni tal-kanna tal-ilma ghaliex gustament dik seta' ghamilha haddiehor. Izda it-tehid tal-ilma minn din il-kanna permezz ta' *pipe* dirett lejn il-kontenitur sitwat gewwa l-vann tal-appellant wasslet lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzzjoni li kien hu responsabbli ghal dan it-tehid ta' ilma;

L-appellant jargumenta illi kull dubju kellu jimmilita favur l-appellant. Dwar dan izda, tajjeb li jkun ribadit dak kostantament ritenut mill-Qrati taghna, illi din il-Qorti, bhala Qorti ta' Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezament u l-konkluzzjoni dwar fatti raggunti mill-Ewwel Qorti hlief jekk tkun konvinta li dik l-ewwel qorti ma setghetx, fuq il-provi li kellha quddiemha, ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha (ara in rigward, fost skorta ta' sentenzi ohra **Il-Pulizija vs Simon Paris App. Krim., 15.7.1996**). Principju daqstant iehor importanti regolanti l-appell in mertu hu dak "*mhux kull konflitt*

*fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* (**ara Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.0703** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** fost diversi ohrajn). Fil-kaz odjern ma hemm l-ebda konflitt fil-provi. Il-provi huma dawk mressqa mill-prosekuzzjoni u l-Ewwel Qorti wiznet sew il-fatti b'mod li jista' jinghad li ezaminat kull indizju b'mod li ma hallielha ebda dubju dwar l-kolpevolezza tal-appellant. Din il-Qorti ma ssib xejn skorrett fl-apprezzament tal-provi mill-Ewwel Qorti u ghalhekk hija tal-fehma li l-istess Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha u bhala konsegwenza ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-konkluzzjoni ghandha tkun disturbata;

It-tieni gravami tal-appell huwa dak sussidjarju f'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' htija tal-appellant. Dwar dan, u kif ukoll kostantement deciz mill-Qrati taghna, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti hlief jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi u jekk il-piena erogata kienet aktar jew anqas minn dik fil-fatt kominata. Fil-kaz hawn devolut, l-Ewwel Qorti, ghad li sabet htija fl-appellant ghazlet li tiskarta l-piena karcerarja jew dik pekunarja u minflok lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sentejn fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant jargumenta li *l-piena nflitta kienet wahda esagerata ghall-ahhar*. Fl-ewwel lok l-appellant ma inghata l-ebda piena. Fit-tieni lok, l-fatt illi s-serq tal-ilma kien jammonta ghal-total ta' euro u tmienja u hamsin centezmu, dak is-serq huwa wiehed ikkwalifikat bl-aggravju tal-mezz u stante li l-ammont misruq ma kienx jeccedi it-€23.29, kien soggett ghal-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa disa xhur. Ma hemm ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha titratta mal-appellant b'mod diversi.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha